# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Ġunju, 2025.**

**Numru 14**

**Rikors numru 1250/21/1 AD**

**Dr Peter Gatt**

**v.**

**Is-Segretarju Permanenti Matthew Vella fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-iSport; L-Onorevoli Dr Clifton Grima fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-iSport; Emile Vassallo fi ħdan id-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DES) u Mario Cutajar bħala Segretarju Permanenti Prinċipali fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru**

Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur wara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fis-27 ta' Ottubru, 2023 li permezz tagħha, wara li illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju lill-konvenuti Ministru

għall-Edukazzjoni u l-iSport u lis-Segretarju Permanenti Prinċipali, laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenuti l-oħra li l-egħmil li minnu ilmenta l-attur ma kienx jaqa' fid-definizzjoni ta' "għemil amministrattiv" kif kontemplat f'Artikolu 469A (2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Preliminari.**

1. Permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat fl-20 ta' Diċembru, 2021 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (l-Ewwel Qorti), Dr Peter Gatt (l-Attur), spjega li fl-1 ta' Settembru 2014 huwa ġie *detailed* mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex jippresta servizzi ta' lettur fl-MCAST speċifikament fid-Dipartiment *Building and Construction*, liema servizz beda a bażi ta' kuntratt annwali u li sussegwentement ġie konvertit għal wieħed indefinit. Fis-sena 2021 żvolġiet sitwazzjoni ta' nuqqas ta' qbil bejn l-attur u l-*Management* fi ħdan l-MCAST dwar il-kwalità baxxa tas-sillabi li kienu qegħdin jiġu imposti fuq l-attur u permezz ta' Mandat ta' Inibizzjoni 915/2021 FDP, fl-20 ta' Lulju, 2021 uħud mill-konvenuti u oħrajn ġew inibiti milli jkomplu bl-eżekuzzjoni u l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tagħhom sabiex l-attur jiġi trasferit ġewwa skola oħra. Sussegwentement għal dak il-Mandat, l-attur intavola proċeduri bin-numri 764/2021AD[1]. Fit-8 ta' Ottubru, 2021 l-attur irċieva komunikazzjoni mill-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex jirrapporta għax-xogħol ġewwa l-Ministeru b'effett

[1] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Mejju, 2024 u deċiża minn din il-Qorti kontestwalment.

mill-11 ta' Ottubru, 2021. Kien għalhekk li intavola Mandat ta' Inibizzjoni ieħor bin-numru 1515/2021TA kontra l-konvenuti fejn ġie ddikjarat mill-konvenuti li huma ma kinux qegħdin jitrasferixxu lill-attur u kien għalhekk li l-Qorti kienet waqfet hemm. L-attur ppremetta li *nonostante* tali dikjarazzjoni, huwa kien irċieva ordni fit-23 ta' Novembru, 2021 minn għand Emile Vassallo fi ħdan id-Direttorat għal Servizzi Edukattivi sabiex b'effett mill-24 ta' Novembru, 2021 huwa jirrapporta fil-Kulleġġ St Ignatius b'ordni wkoll ta' x'ser ikun ix-xogħol li għandu jagħmel li skont l-attur kien xogħol amministrattiv. L-attur jinsisti li dan huwa bi ksur tal-ordni tal-Qorti fl-atti tal-Mandat 915/2021 FDP kif ukoll li din l-istess ordni ngħatat mingħajr raġuni valida u għalhekk il-konvenuti qegħdin jaġixxu *ultra vires* u bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. In segwietu għal dan l-attur intavola t-tielet Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 1734/2021JVC fejn talab il-protezzjoni tal-Qorti u sabiex tordna lill-intimati jiddesistu milli jittrasferuh ġewwa l-Ministeru għall-Edukazzjoni jew kwalunkwe skola u l-Qorti kienet laqgħet tali talba. L-attur jippremetti li d-deċiżjonijiet tal-konvenuti huma abbużivi, illegali u *ultra vires* peress li huma kienu msejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux relevanti *ai termini* tal-Artikolu 469A kif ukoll għaliex din l-ordni ta' trasferiment tinjora kompletament l-ordni tal-Qorti mogħtija fil-Mandat ta' Inibizzjoni 915/2021FDP.

2. L-attur ressaq dawn it-talbiet:

"i. Tiddikjara li l-għemil amministrattiv li wassal għall-ordni sabiex l-esponenti jiġi ttrasferit għall-Kulleġġ St Ignatius sar bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(a), b(ii) u/jew (iii) u/jew (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-ftehim milħuq bejn il-Gvern u l-Malta Union of Teachers (MUT).

ii. Tordna t-tħassir ta' din l-ordni ta' trasferiment meħuda fit-23 ta' Novembru 2021 mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u dan in vista tal-fatt li kien hemm ordni minn din l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 915/21 FDP sabiex l-esponenti ma jiġix trasferit fl-ebda kulleġġ jew skola oħra sekondarja sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri pendenti 764/21 AD li proprju jindirizzaw il-materja tal-istess mandat indikat u kif ukoll talli tali ordni tmur kontra l-istess ftehim bejn il-Gvern u l-Malta Union of Teachers (MUT);

iii. Tillikwida *arbitrio bono viri* kull danni sofferti mir-rikorrent minħabba l-aġir abbużiv tal-intimati jew min minnhom.

iv. Tordna l-ħlas ta' dawn id-danni lir-rikorrenti mill-intimati jew min minnhom.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, inklużi dawk tal-mandat t'inibizzjoni numru 1734/21 JVC."

3. B'risposta ġuramentata tat-28 ta' Jannar, 2022 il-konvenuti konġuntivament laqgħu għall-azzjoni attriċi billi ressqu l-eċċezzjonijiet segwenti:

"1. Illi preliminarjament, l-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u l-iSport, illum Dr. Clifton Grima, l-esponenti Emile Vassallo u s-Segretarju Permanenti Ewlieni Mario Cutajar mhumiex il-leġittimi kuntradditturi ta' l-attur.

2. Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, **l-azzjoni odjerna hija improponibbli** in kwantu l-ghemil lanjat mill-attur ma jaqax fid-definizzjoni ta' ghemil amministrattiv *ai termini* ta' l-Artikolu 469A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan stante li l-istess artikolu jeskludi mizuri intenzjonati ghall-iskop ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna gewwa awtorita`, kif effettivament gara f'dan il-kaz kemm ilu l-attur impjegat mill-gdid mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni in segwitu ghat-terminazzjoni tad-detail tieghu mall-Kullegg MCAST.

3. Illi, **fil-mertu**, minghajr pregudizzju u subordinatament ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt,

u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attur, u dan stante li l-eccepjenti ma ghamlu xejn li ghandu jitqies censurabbli minn Qorti adita mir-revizjoni ta' ghemil amministrattiv, kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur.

4. Illi, ghal kull buon fini, ghall-iskop ta' l-ewwel talba, jigi eccepit li kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur, id-decizjoni impunjata permezz ta' dawn il-proceduri ma kenitx bi ksur ta' ordnijiet tal-Qorti, u la kienet infondata, abbuziva jew illegali, u certament ma tistax titqies ultra vires. Id-decizjoni impunjata la hija bi ksur tal-Kostituzzjoni, la hija bi ksur tal-principji naturali tal-gustizzja, la tikkostitwixxi abbuz ta' poter, u lanqas hija kontra l-Ligi.

5. Illi ukoll ghall-iskop ta' l-ewwel talba, l-attur m'ghandux l-interess necessarju biex jitlob ksur ta' ftehim li huwa res inter alios acta bejn terzi – semmai dak l-interess jappartjeni biss lill-Malta Union of Teachers li ma hiex parti minn din il-kawza.

6. Illi, ghall-iskop tat-tieni talba, jigi eccepit li t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt - id-decizjoni impunjata ma kenitx tikkostitwixxi trasferiment gewwa skola jew kullegg – l-attur qieghed jizvija lil dina l-Onorabbli Qorti intenzjonalment stante li jaf ben tajjeb, kif se jigi ppruvat waqt ittrattazzjoni tal-kawza, illi huwa gie ordnat jirraporta ghax-xoghol fl-Office of the College Network, li hija sistema, imsejha wkoll bhala kulleggi [ghalkemm mhux kullegg fis-sens ta' skola, f'dan il-kaz il-College Network, St. Ignatius College], li jamministraw skejjel u kulleggi fit-tifsira ordinarja taghhom, billi jwettaq xoghol akkademiku/amministrattiv fl-ufficju tal-Head of Colleges, li certament ma hiex l-istess haga bhal skola jew istituzzjoni edukattiva. Lanqas ma jirrizulta li l-kawza pendenti Cit. 764/21 AJD fl-ismijiet **Dr. Peter Gatt vs Malta College for Arts, Science and Technology et** ma tittratta xi talba li tirrigwarda allegat ksur tal-ftehim bejn il-Gvern u l-Malta Union of Teachers. Kif l-istess attur jaf ben tajjeb, l-intenzjoni tal-Ministeru dejjem kienet li tinstab soluzzjoni, imqar temporanja, li tkun xierqa għas- sitwazzjoni, pendenti l-ezitu tal-kawza ohra, biex l-attur ma jithallasx minghajr korrispettiv, izjed u izjed la kien l-attur stess li gab b'idejh sitwazzjoni ta' impossibilita` li jigi deployed go istituzzjoni edukattiva biex jghallem in segwitu ta' l-ewwel Mandat ta' Inibizzjoni intavolat minnu.

7. Illi l-eccepjenti m'ghandhomx jitqiesu responsabbli ghal kwalunkwe dannu pretiz mill-attur stante li r-rekwiziti ta' l-Artikolu 469A(5) m'ghandhomx jitqiesu sodisfatti, u lanqas m'ghandhom jigu kkundannati jhallsu danni lill-istess attur, liema danni l-attur ghandu jgib provi taghhom sal-grad rikjest mil-Ligi;"

4. B'<u>sentenza</u> tas-<u>27 ta' Ottubru, 2023</u> l-Ewwel Qorti ddeċidiet kif isegwi:

> "a. Tilqa' in parte l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati u tillibera lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-iSport u lisSegretarju Permanenti Prinċipali mill-osservanza tal-ġudizzju, filwaqt illi tiċħad l-istess eċċezzjoni preliminari in kwantu tagħmel referenza għall-intimat Emile Vassallo;
>
> b. Tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati, b'dana illi tiddikjara illi l-każ odjern jaqa' taħt l-eċċezzjoni għad-definizzjoni ta' "egħmil amministrattiv" stabbilita fl-Artikolu 469A(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u konsegwentement
>
> c. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet rikorrenti."

5. Sa fejn rilevanti għal dan l-appell, il-kunsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti huma kif isegwi:

> "**A. <u>Eċċezzjoni Preliminari dwar Leġittimu Kontradittur</u>**
>
> [...]
>
> 29. L-ewwelnett għandu jiġi senjalat illi s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-iSport mhux qiegħed jeċċepixxi illi m'huwiex leġittimu kontradittur fil-każ odjern;
>
> 30. Din il-Qorti sejra għalhekk iddur għad-deċiżjoni tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2021, liema deċiżjoni ġiet komunikata lir-rikorrent permezz ta' *e-mail* spedita lir-rikorrent mill-intimat Emile Vassallo bħala Direttur Ġenerali fid-Dipartiment għas-Servizzi Edukattivi fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-iSport. Fl-affidavit tiegħu, l-intimat Vassallo jispjega, inter alia, kif "*id-Dipartiment kellu jfittex arranġament biex Dr Gatt ikun jista' jagħmel ix-xogħol li huwa impjegat għalih*" u li "*id-dipartiment ħares lejn ix-xogħol preparattiv ta' għalliem tal-ġografija [...] u assenja xogħol relevanti li ma jsirx ġewwa skola*". Huwa evidenti għalhekk illi d-Dipartiment illi fih Emile Vassallo huwa Direttur Ġenerali kien parteċipi fid-deċiżjoni illi qiegħed jilmenta minnha r-rikorrent, b'dana illi Emile Vassallo għandu bla dubju jitqies leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna;
>
> 31. Mhux l-istess, iżda, jista' jingħad għall-Ministru tal-Edukazzjoni u l-iSport, illi apparti illi huwa, fi kwalunkwe każ, rappreżentat fil-kawża

odjerna mis-Segretarju Permanenti, ma nġabet l-ebda prova illi kellu b'xi mod x'jaqsam mad-deċiżjoni illi minnha qiegħed jilmenta r-rikorrent;

32. L-istess jista' jingħad fir-rigward tas-Segretarju Permanenti Prinċipali, illi la jidher illi kellu rwol fil-każ odjern, u lanqas jidħol fil-kwestjoni dwar trasferimenti t'impjegati fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-iSport, liema kwestjoni taqa' f'idejn is-Segretarju Permanenti fi ħdan l-istess Ministeru fit-termini tal-iStrument ta' Delega maħruġ *ai termini* tal-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u approvat mill-Prim Ministru nhar is-16 ta' Settembru 2015, b'effett mill-1 ta' Frar 2016, kif emendat bi Strument ta' Delega sussegwentement datat 11 ta' Frar 2020;

33.Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati fir-rigward tal-Ministru għall-Edukazzjoni u l-iSport Dr Clifton Grima, u fir-rigward tas-Segretarju Permanenti Prinċipali, u konsegwentement tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju, filwaqt illi **tiċħad** l-istess fir-rigward ta' Emile Vassallo.

**B. Eċċezzjoni dwar in-Nuqqas t'Att jew Għemil Amministrattiv**

[...]

38. L-ewwelnett għandha ssir distinzjoni bejn dak illi qiegħed jintalab f'din il-kawża u dak illi qiegħed jintalab fir-Rikors Ġuramentat 764/2021 illi qiegħed jinstema' minn din il-Qorti stess. Fir-Rikors Ġuramentat 764/2021, ir-rikorrent qiegħed jikkontesta l-għemil amministrattiv li wassal għar-revoka tad-*detailing* tiegħu mill-MCAST għall-iskola sekondarja f'Pembroke, b'deċiżjoni datata sbatax (17) ta' Ġunju 2021, filwaqt illi fil-kawża odjerna, huwa qiegħed jikkontesta d-deċiżjoni tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2021 illi permezz tagħha huwa ġie ordnat jirrapporta l-Kulleġġ Sant'Injazju;

39. Din il-Qorti stess kellha l-opportunita', f'sentenza preliminari mogħtija nhar l-erbatax (14) ta' Jannar 2022 fir-Rikors Ġuramentat Nru 764/2021, tindaga jekk id-deċiżjoni illi permezz tagħha ġie revokat id-*detailing* tar-rikorrent kinitx tikkostitwixxi "*egħmil amministrattiv*" jew le. Infatti, din il-Qorti kkonkludiet illi effettivament din id-deċiżjoni kienet tikkostitwixxi "*egħmil amministrattiv*" stante illi l-kwestjoni bejn ir-rikorrent u l-amministrazzjoni tal-MCAST spiċċat ħarġet 'il barra mill-kurituri tal-MCAST, u trasformat ruħha fi kwestjoni illi kienet tirrigwarda l-istat tar-rikorrent u d-*detailing* tiegħu mill-Ministeru għall-Edukazzjoni;

40. Fil-kawża odjerna, il-Qorti issa għandha quddiemha deċiżjoni illi ngħatat b'mod konsegwenzjali għad-deċiżjoni illi permezz tagħha ġie revokat id-*detailing* tar-rikorrent. Ir-rikorrent qed isostni illi tali deċiżjoni

ttieħdet minkejja illi kienet ngħatat "*ordni minn din l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 915/21 FDP sabiex l-esponenti ma jiġix trasferit fl-ebda kulleġġ jew skola oħra sekondarja sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri pendenti 764/21 AD li proprju jindirizzaw il-materja tal-istess mandat indikat*";

41. Skont il-***Manual on Resourcing Policies and Procedures*** maħruġ mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, "*It may be necessary for public officers who have been detailed with public entities to have their detailing revoked in order that they may resume duties within the Public Service.*" In oltre, imbagħad:

> *5.2.3 Reversion to the Public Service is subject to the following:*
>
> *i. The pay package and any other conditions offered to the officer by the entity with which he/ she is detailed shall be effective only during the period of detailing i.e. they cannot be retained upon the officer's return to the Public Service;*
>
> *ii. the officer will benefit from the prevailing conditions applicable in the Public Service;*
>
> *iii. the officer will be posted in a Department where his/her professional skills and competencies are required; and*
>
> *iv. the officer will continue to be entitled to a Service pension, if he/she is of a pensionable status, in terms of the respective applicable legislation.*

42. Fid-dawl ta' ġurisprudenza suriferita, dak illi trid tindaga għalhekk din il-Qorti huwa jekk:

(a) id-deċiżjoni tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2021 tistax titqies bħala waħda ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna, u

(b) fil-każ illi hekk għandha titqies, jekk tolqotx fil-qalba r-raġuni tal-azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju tal-att amministrattiv.

Fil-każ illi d-deċiżjoni tfalli xi waħda minn dawn iż-żewġ kriterji, id-deċiżjoni titqies illi hija eskluża mid-definizzjoni ta' "*egħmil amministrattiv*" kontemplata fl-Artikolu 469A(2);

43. Wara illi ġie revokat id-*detailing* tar-rikorrent, ir-rikorrent ma baqax impjegat tal-MCAST, iżda reġa' beda jiġi kkunsidrat bħala impjegat tal-Ministeru tal-Edukazzjoni. Infatti, fl-*e-mail* datata erbatax (14) ta' Ġunju 2021 entitolata "*Approval Notification: Revocation of Detailing of a Public Officer with the Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST) – Dr Peter Gatt (ID 254664M), Teacher (Scale 7)*", ġie spjegat, "*This is to notify that on 11th June 2021, it was approved that Dr Peter Gatt's detailing with the Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST) be revoked, in terms of Article*

*114(2) of the Education Act (CAP 327) and on the terms and conditions of paragraph 5.2.3 of the Manual on Resourcing Policies and Procedures.* ***Dr Gatt shall revert to the Ministry for Education (MFED) on his substantive grade***.” (Emfasi miżjuda minn din il-Qorti);

44. Din il-Qorti hija tal-fehma illi, gialadarba issa reġa' kien qiegħed jitqies bħala impjegat tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, it-trasferiment tiegħu għal kwalunkwe impjieg fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni jikkostitwixxi, *prima facie*, "*ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita*'", stante illi jikkonsisti effettivament fi trasferiment ta' uffiċċjal pubbliku minn dipartiment għall-ieħor, jew l-għażla tal-post fejn uffiċċjal pubbliku jintbagħat jaħdem. Għaldaqstant, l-ewwel kriterju sabiex id-deċiżjoni tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2021 titqies bħala eskluża mid-definizzjoni ta' "*egħmil amministrattiv*" huwa sodisfatt;

45. Mill-atti jirriżulta illi l-ilment prinċipali tar-rikorrent huwa illi ma baqax *detailed* l-MCAST, b'dana illi beda jipperċepixxi salarju inqas vantaġġjuż u qed jiġi mqabbad jagħmel xogħol illi huwa jikkonsidra illi huwa *over-qualified* għalih. Madanakollu, dak illi qiegħed jiġi kontestat fil-kawża odjerna mhuwiex ir-revoka tad-*detailing* per se, iżda d-deċiżjoni illi permezz tagħha r-rikorrent ġie trasferit għall-Kulleġġ Sant'Injazju, u dan stante illi r-rikorrent isostni illi l-ordni ta' din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni numru 915/21 FDP kellha tpoġġih fil-pożizzjoni illi kien fiha qabel ġie revokat id-*detailing* tiegħu, cioe bħala lettur fl-MCAST bis-salarji u l-benefiċċji kollha illi tali pożizzjoni kienet iġġib magħha, sakemm tiġi finalment deċiża l-kawża fir-Rikors Ġuramentat nru 764/2021 quddiem din il-Qorti kif preseduta;

46. Din il-Qorti, iżda, ma taqbilx mar-rikorrent. Skont l-ordni mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni numru 915/21 FDP, l-intimati kienu inibiti biss milli *"jkompli (sic) bl-esekuzzjoni w implimentazzjoni tad-deċiżjoni minnu jew min minnhom meħuda u jittrasferixxi (sic) lill-esponenti fl-iskola ta' Pembroke Secondary School jew xi skola oħra*" Il-fatt illi din l-ordni kienet teskludi r-reintegrazzjoni tar-rikorrent bħala lettur fl-MCAST ġiet konfermata mill-istess Qorti illi ddeċidiet b'mod definittiv il-mandat t'inibizzjoni nru 915/21 FDP: wara rikors intavolat mir-rikorrent fl-atti tal-istess mandat t'inibizzjoni illi permezz tiegħu ilmenta illi minkejja l-ordni tal-Qorti huwa ma kienx ngħata l-fakultajiet li kien jipprevalixxi ruħu minnhom qabel ġie revokat id-*detailing*, il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent illi permezz tagħha talab lill-Qorti "*tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex jagħtu dawk l-istess fakultajiet li kien jipprevalixxi ruħu minnhom l-esponenti sa qabel it-18 ta' Ġunju 2021*" permezz ta' digriet datata disgħa (9) ta' Diċembru 2021. Ir-raġuni mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta kienet illi, "*dak mitlub imur oltre dak li ġew inibiti jagħmlu l-intimati".* Għaldaqstant, sakemm l-intimati

ma kinux qed jittrasferixxu lir-rikorrent fl-iskola sekondarja ta' Pembroke jew skola oħra, l-intimati kienu qed jaġixxu fl-ambitu tal-ordni mogħtija mill-Qorti fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni numru 915/21 FDP;

47. Issa l-Ministeru għall-Edukazzjoni kellu quddiemu sitwazzjoni kemmxejn anomala, stante illi kellu impjegat illi kien qiegħed jitħallas salarju, ma setax jintbagħat jaħdem fi skola, iżda fl-istess ħin ma kienx għadu *detailed* l-MCAST, u għalhekk ma setax jerġa' jintbagħat jaħdem hemm fil-pożizzjoni illi kellu waqt li kien *detailed*;

48. Ir-rikorrent isib konfort f'dak deċiż minn din il-Qorti kif diversement presjeduta, fil-mandat t'inibizzjoni numru 1734/21 JVC, cioe, "*Jekk il-preokkupazzjoni tal-intimati hija li r-rikorrent preżentement qed jirċievi l-paga mingħajr ma jaħdem dan faċilment jista' jiġi risolt billi r-rikorrent, pendenti deċiżjoni finali, jingħata xogħol ta' 'lecturer' fi ħdan l-MCAST kif fuq kollox kien jagħmel għal diversi snin u dan mingħajr preġudizzju għall-ġudizzju finali dwar il-kwistjoni bejn il-partijiet. B'hekk l-intimati jkunu qed jagħmlu użu tajjeb mill-paga li qed jirċievi r-rikorrent u mhux ikunu komparteċipi mal-fatt li r-rikorrent qed jitħallas mingħajr ma jaħdem.*"

49. Madanakollu, din il-Qorti, illi kellha l-possibilta' illi teżamina l-każ f'aktar dettall fil-mertu, u mhux fuq bażi *prima facie* bħal fi proċedura ta' mandat t'inibizzjoni, tifhem illi gialadarba id-*detailing* tar-rikorrent ġie revokat qabel ġie intavolat l-ewwel mandat t'inibizzjoni, b'dana illi l-effetti tiegħu ma setgħux b'xi mod jitwaqqfu u/jew jiġu sospiżi (hekk kif konfermat minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fid-digriet tad-disgħa (9) ta' Diċembru 2021 suriferit), il-Ministeru għall-Edukazzjoni għandu issa jdejh marbuta, u ma jistax jaqbad u jerġa' jirreintegra lir-rikorrent fil-pożizzjoni illi kellu meta kien għadu *detailed* sakemm il-kawża fir-Rikors Ġuramentat Nru 764/2021 għadha pendenti. Se mai, fl-eventwalita' imbagħad illi jirriżulta illi d-deċiżjoni illi biha ġie revokat id-*detailing* tar-rikorrent kienet waħda irraġonevoli, meħuda bi ksur tal-prinċipji tal-ħaqq naturali, jew saħansitra aġir abbużiv jew lil hinn mis-setgħat mogħtija mil-liġi (cioe *ultra vires*), ir-rikorrent ikollu dritt għal danni għall-perjodu kollu illi fih huwa jkun ħadem fi grad aktar baxx minn dak illi kellu jkun entitolat għalih skont it-termini tal-Artikolu 469A(5) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

50. Għaldaqstant, meqjus il-premess, din il-Qorti tqis illi t-<u>tieni test ma ġiex sodisfatt</u>. Hekk kif ġie senjalat, din il-Qorti rat preċiżament fiex kienet tikkonsisti l-ordni mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni Nru 915/21 FDP, u rat illi d-deċiżjoni tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2021 ma tistax tiġi kkonsidrata bħala waħda illi tikser l-istess ordni;

51. **Konsegwentement, it-trasferiment tar-rikorrent minn dipartiment għall-ieħor fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni,**

**sakemm tali trasferiment ma kienx fl-iskola sekondarja ta' Pembroke jew skola oħra, huwa eskluż mid-definizzjoni t'"egħmil amministrattiv" kif stabbilita fl-Artikolu 469A(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dana illi l-kawża odjerna ma tistax tirnexxi;**

52.Finalment, il-Qorti semgħet lil **Dorienne Said Pace**, Kap tal-Kulleġġ San Injazju, tikkonferma illi, "*il-Kulleġġ huwa kif għidt, ċentru amministrattiv bil-viżjoni, bil-missjoni tagħna, u anka bil-values tagħna, [...] huwa purely rwol amministrattiv*" u rat ukoll illi fl-*e-mail* tiegħu tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2021, **Emile Vassallo** kien spjega lir-rikorrent illi xogħlu fl-istess Kulleġġ kien ser jikkonsisti fis-segwenti:

*1. Specific guildeines for the Coursework that is required;*
*2. Development of resrouces linked to the Assessment Criteria;*
*3. Research and Sourcing of Physical Resources to be used in class (e.g. rock type samples);*
*4. Research and Design of Fiedlwork Experiences;*
*5. Research and Sourcing of Digital Resources*.

Huwa evidenti illi dak illi kien ġie mqabbad jagħmel ir-rikorrent permezz tad-deċiżjoni tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2021 ma kienx xogħol fi skola, b'dana illi kien konformi mal-ordni mogħtija mill-Qorti fil-mandat t'inibizzjoni numru 915/21 FDP;

53. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **tilqa'** l-eċċezzjoni sollevata mill-intimati fit-tieni paragrafu tar-risposta tagħhom, tiddikjara illi l-għemil lanjat mill-attur ma jaqax fid-definizzjoni ta' "*egħmil amministrattiv*" *ai termini* tal-Artikolu 469A(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża odjerna."

6. L-attur (minn issa wkoll l-Appellant) <u>appella b'rikors</u> intavolat fil-<u>21 ta' Novembru, 2023</u> li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm minnu miġjuba, talab lil din il-Qorti:

"1. Tvarja d-decizjoni moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti ta' nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet premessi billi:

A)Tikkonferma limitatament id-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti fejn laqghet l-ewwel eċċezzjoni *in parte* tal-appellati u ordnat illi s-Segretarju Permanenti Principali Mario Cutajar fi hdan l-Ufficcju tal-Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur fil-kaz odjern.

> B) Tannulla, thassar u tirrevoka dik il-parti tad-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti fejn permezz taghha laqghet *in parte* l-ewwel eċċezzjoni tal-appellati u irriteniet illi l-Minisitru ghall-Edukazzjoni u l-Isport m'huwiex leġittimu kontradittur ghal kaz odjern u tiddikjara u tordna illi l-istess huwa leġittimu kontradditturi fil-kaz odjern u ghandu jirrispondi ghal azzjonijiet tieghu.
>
> C) Tannulla, thassar u tirrevoka dik il-parti tad-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti fejn laqghet it-tieni eċċezzjoni tal-appellati u irriteniet li l-ordni moghtija mill-appellati u t-trasferiment li naghat l-appellant huma esklużi mid-definizzjoni ta' ghemil amministrattiv kif stabbilita fl-Artikolu 469A (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u filwaqt illi tiċħad l-istess eċċezzjoni filwaqt illi tordna illi l-agir tal-appellati jaqa taht id-definizzjoni ta' ghemil amministrattiv u ghalhekk sindakabbli mill-Qorti.
>
> 2. Tirrimandi l-atti lura l-Ewwel Qorti ghall-prosegwiment tal-kawza, jew altrimenti tiddeċiedi fuq il-mertu din l-Onorabbli Qorti."

7. Il-konvenuti (minn issa 'l quddiem ukoll l-Appellati) ressqu r-risposta tagħhom fl-14 ta' Diċembru, 2023, fejn, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talbu li l-appell interpost mill-attur jiġi miċħud.

8. Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa ta' l-**Artikolu 152 (5) tal-Kapitolu 12**.

**L-Appell**

**L-Ewwel Aggravju – erronjament ġie konkluż li l-aġir tal-appellati huwa eskluż mid-definizzjoni ta' għemil amministrattiv kif stabbilit fl-Artikolu 469A (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

9. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jgħid illi l-MCAST minflok ma poġġiet madwar mejda miegħu sabiex jiddiskutu soluzzjoni amikevoli waqt li għaddejja kawża oħra bejniethom (764/21AD), il-konvenuti kkonfoffaw bejniethom b'tentattiv sabiex jinnewtralizzaw il-proċeduri li huwa ħa kontra l-appellati sabiex jissalvagwardja d-drittijiet tiegħu. Jgħid illi jekk huwa jirrapporta għax-xogħol fejn idderiġewh, ma jkunx fadallu skop ikompli jiġġieled għad-drittijiet tiegħu. Jisħaq li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset li d-deċiżjoni sabiex jintbgħat jaħdem ġewwa 'uffiċju' kienet motivata għal skopijiet ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna. Jgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tanalizza x'kienet l-intenzjoni tal-appellati meta ħarġu tali ordni.

10. Jinsisti illi l-ordni tal-appellati ma kinitx sempliċement ta' organizzazzjoni nterna u meħuda *in buona fede* anke għaliex skont l-appellant, fil-proceduri għal mandat ta' inibizzjoni nru 1515/2021TA, l-appellati ammettew li l-ordni attakkat kien inħareġ bi żball. Jgħid li xorta waħda wara dik l-ammissjoni bagħtuh fil-Kulleġġ San Injazju peress li tali kulleġġ ma jitqiesx bħala skola.

11. Ikompli jgħid illi mhux minnu li l-ordnijiet sabiex jintbagħat minn istituzzjoni għal oħra u fl-aħħarnett f'dipartiment amministrattiv kienu intiżi għal skopijiet ta' amministrazzjoni interna. Jgħid li sabiex titqies li l-ordni

kellha skop organizzattiv kellha tkun bħal per eżempju "sabiex imur jippresta s-servizzi tiegħu ġo xi istituzzjoni oħra terzjarja".

12. Jgħid li l-Ewwel Qorti żbaljat meta kkonkludiet illi ladarba d-*detailing* tiegħu minn maċ-Ċivil għal mal-MCAST kien ġie revokat qabel ma ġie ntavolat l-ewwel rikors għall-mandat ta' inibizzjoni allura ma kienx hemm ksur ta' dak il-mandat meta l-appellant intbagħat jagħmel xogħol amministattiv u mhux xogħol ġewwa skola. Jgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni jekk tali ordni laqtitx id-drittijiet tiegħu u minflok, skontu, qieset biss li tali ordni kienet tikkonċerna amministrazzjoni nterna. Jgħid li fl-ewwel mandat ta' inibizzjoni l-ordni kienet sabiex pendenti l-proċeduri 764/21AD l-appellant ma jingħatax xogħol ieħor li huwa differenti minn dak ta' lettur fi ħdan l-MCAST. Jisħaq li l-ordni sabiex jagħmel xogħol amministrattiv imur kontra l-ordni fil-mandat ta' inibizzjoni. Iżid jgħid li skont l-ewwel mandat ta' inibizzjoni huwa ma kellu jintbagħat fl-ebda istituzzjoni oħra u kellu jibqa' l-MCAST.

13. Jissottometti illi ġjaladarba meta nħareġ l-ewwel mandat ta' inibizzjoni id-*detailing* minn maċ-ċivil għal mal-MCAST kien ġja ġie revokat, filwaqt li t-talba tiegħu permezz tal-mandat sabiex ma jintbagħatx ġo skola oħra ntlaqgħet, allura huwa "spiċċa f'pożizzjoni in vacuum u cioe' li lanqas ma seta' jiġi rientigrat fl-impjieg li kellu mal-MCAST". Jinsisti li l-Ewwel Qorti ma kelliex tikkunsidrah li ġie rientigrat bħala impjegat normali

taċ-ċivil fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni allavolja d-*detailing* tiegħu minn maċ-ċivil għal mal-MCAST kien ġja ġie revokat qabel ma nħareġ l-ewwel mandat ta' inibizzjoni. Jinsisti illi d-deċiżjoni sabiex jintbagħat ġewwa l-Kulleġġ San Ignazju tikkostitwixxi "għemil amministrattiv" u ma kinitx miżura organizzattiva.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**.

14. Fl-Ewwel Mandat ta' Inibizzjoni (915/2021 FDP) it-talba milqugħa kienet sabiex uħud mill-konvenuti odjerni u ċjoè s-Segretarju Permanenti u l-Ministru tal-Edukazzjoni (fil-mandat kien hemm diversi konvenuti oħra li mhumiex parti fil-kawża odjerna) jinżammu milli "*jkomplu bl-esekuzzjoni u implementazzjoni tad-deċiżjoni minnu jew min minnhom meħuda u jitrasferixxi lill-esponenti fl-iskola ta' Pembroke Secondary School jew xi skola oħra*." Din it-talba ġiet akkolta fl-20 ta' Lulju, 2021.

15. Fit-Tielet Mandat ta' Inibizzjoni (1734/20121 JVC) it-talba milqugħa kienet sabiex il-konvenuti odjerni jiġu mwaqqfa milli "*jkompli bl-esekuzzjoni u implementazzjoni tad-decizjoni minnu jew min minnhom mehuda u jitrasferxxi lill-esponenti sabiex jirrapporta ghax-xoghol ġewwa l-Ministeru ghall-Edukazzjoni, dipartiment anċillari tal-istess Ministeru jew kwalunkwe skola ossia Kullegg bhal mha hu dak ta' St Ignatius College,*

*Trid Mdina, Qormi*." Din it-talba wkoll ġiet akkolta b'digriet tas-6 ta' Diċembru 2021.

16. L-appellant jiddedika parti sew mill-ewwel aggravju tiegħu jattakka s-sentenza appellata li ma qisitx li ordni sabiex jirrapporta għax-xogħol fil-Kulleġġ St Ignatius kienet ukoll bi ksur tal-ordni kif inkorporat fl-ewwel mandat ta' inibizzjoni.

17. L-Ewwel Qorti sabet li d-direttiva mogħtija lill-attur sabiex pendenti l-eżitu finali tal-kawża prinċipali jagħmel xogħol amministrattiv ġewwa l-Kulleġġ San Injazju ma kinitx tikkostitwixxi ksur tal-ordni emanenti mill-mandat ta' inibizzjoni fis-seħħ. Qalet hekk l-Ewwel Qorti fir-rigward:

> "Skont l-ordni mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni numru 915/21 FDP, l-intimati kienu inibiti biss milli *"jkompli (sic) bl-esekuzzjoni w implimentazzjoni tad-deċiżjoni minnu jew min minnhom meħuda u jittrasferixxi (sic) lill-esponenti fl-iskola ta' Pembroke Secondary School jew xi skola oħra*" Il-fatt illi din l-ordni kienet teskludi r-reintegrazzjoni tar-rikorrent bħala lettur fl-MCAST ġiet konfermata mill-istess Qorti illi ddeċidiet b'mod definittiv il-mandat t'inibizzjoni nru 915/21 FDP: wara rikors intavolat mir-rikorrent fl-atti tal-istess mandat t'inibizzjoni illi permezz tiegħu ilmenta illi minkejja l-ordni tal-Qorti huwa ma kienx ngħata l-fakultajiet li kien jipprevalixxi ruħu minnhom qabel ġie revokat id-*detailing*, il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent illi permezz tagħha talab lill-Qorti "*tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex jagħtu dawk l-istess fakultajiet li kien jipprevalixxi ruħu minnhom l-esponenti sa qabel it-18 ta' Ġunju 2021*" permezz ta' digriet datata disgħa (9) ta' Diċembru 2021. Ir-raġuni mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta kienet illi, "*dak mitlub imur oltre dak li ġew inibiti jagħmlu l-intimati".* Għaldaqstant, sakemm l-intimati ma kinux qed jittrasferixxu lir-rikorrent fl-iskola sekondarja ta' Pembroke jew skola oħra, l-intimati kienu qed jaġixxu fl-ambitu tal-ordni mogħtija mill-Qorti fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni numru 915/21 FDP."

18. L-appellant ma jgħidx fejn dan ir-raġunament huwa żbaljat. Kienet l-istess Qorti li ħarġet il-mandat ta' inibizzjoni numru 915/21 FDP li, fuq rikors tal-istess attur, għamlitha ċara li kien żbaljat l-attur jaħseb li l-mandat kien jintitolah jerġa jintbgħat lura l-MCAST *nonostante* li d-*detailing* tiegħu kien ġie revokat. Ladaraba l-mandat ta' inibizzjoni numru 915/21 FDP inħareġ wara li d-*detailing* tal-attur minn mal-MCAST kien ġja ġie terminat; il-mandat ta' inibizzjoni ma setax iqiegħed l-arloġġ lura. Din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex għandha tiddipartixxi mir-raġunament tal-Ewwel Qorti u għalhekk din il-parti tal-ewwel aggravju qed tiġi miċħuda.

19. **Artikolu 469A (2) tal-Kap. 12** jiddefinixxi **għemil amministrattiv**:

> "*għemil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità*"

20. L-Ewwel Qorti qieset illi l-ordni tad-Direttorat għall-Servizzi Edukativi sabiex l-appellant jintbgħat jagħmel xogħol amministrattiv ġewwa l-Kulleġġ San Injazju sar bil-għan ta' organizzazzjoni interna. L-appellant ma jaqbilx.

21. *In tema* legali ssir referenza għall-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Dr George Azzopardi v. Heritage Malta Agency**[2] mogħtija fid-29 ta' Ottubru, 2024, fejn analizzat *funditus* x'jikkostitwixxi għemil amministrattiv eskluż mill-istħarriġ ġudizzjarju għaliex ikun sar bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna. Bdiet billi elenkat istanzi fejn ġie konkluż li hija miżura purament interna:

> "(1) **Promozzjoni** fi ħdan il-Korp tal-Pulizija; [**Edward Falzon v Kummissarju tal-Pulizija** – 22.10.2002.] ir-regola li membru tad-*Drydocks Council* **ma setax japplika għal promozzjoni** fi ħdan il-*Malta Drydocks Corporation*; [**Anthony Gafà v Malta Drydocks** – 26.11.2009] Bil-maqlub, promozzjonijet **fi ħdan forza dixxiplinari oħra**, jiġifieri l-Forzi Armati ta' Malta, kienu kkunsidrati bħala suġġett għal reviżjoni amministrattiva. [**Ivan Consiglio v Prim Ministru** – 18.02.2010.]
>
> (2) In-nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratt definit ta' servizz, jekk tali nuqqas ta' tiġdid ma kienx diskriminatorju. [**Alan Joseph Fiott v Direttur Ġenerali għas-Servizzi Edukattivi** – 26.02.2019.]
>
> (3) Talba mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar il-mezzi u d-dħul ta' kontribwent sabiex imbagħad jieħu deċiżjoni eżekuttiva kienet sempliċement pass preparatorju li ma kienx reviżjonabbli. [**John Grech v Tax Commissioner** – 02.03.2016.]
>
> 21. Tqiesu bħala **atti purament interni li iżda** fil-mument li tiġi allegata mġieba abbużiva, l-att **ma jibqax** miżura ta' organizzazzjoni interna [**Carmen Grech v Prim Ministru** – 06.07.2017]:
>
> (1) L-irtirar ta' tag lill-ħaddiem mal-Awtorità tat-Trasport. Il-Qorti ddeċidiet li l-fatt li l-Awtorità ma kinitx ħadet azzjoni simili kontra oħrajn li kienu f'pożizzjoni simili. [**Paul Borg v Public Transport Authority** - 21.05.2009.]
>
> (2) It-trasferiment ta' infermiera minn stabbiliment tas-saħħa għal ieħor meta kien allegat li l-att kien diskriminatorju; [**Rita Vella v Tabib Prinċipali tal-Gvern** – 31.10.2012] trasferiment immedjatament wara li impjegat ħa azzjoni legali kontra d-dipartiment ikkonċernat. [**Denis Tanti v Prim Ministru et** – 16.11.2004.]

[2] Ara wkoll **Alan Joseph Fiott v. Id-Direttur Ġenerali, Servizzi Edukattivi fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Frar, 2019.

> 22. Ma tqisux bħala atti interni:
>
> (1) It-**tkeċċija** ta' uffiċjal tal-pulizija fl-interess pubbliku, is-setgħa mogħtija lill-Prim Ministru taħt l-Att dwar il-Pulizija, li biha membru tal-Pulizija jiġi sfurzat jirtira bi drittijiet ta' pensjoni sħiħa mingħajr proċeduri dixxiplinarji.
>
> (2) Azzjoni ta' **assimilazzjoni għal infermiera** li ġiet revokata retroattivament. [**Bernardette Agius et v Prim Ministru et** – 09.01.2014.]
>
> (3) Proċess li bih wara **sejħa pubblika għall-applikazzjonijiet**, l-attur ma ntgħażilx minn bord tal-għażla tal-Università ta' Malta. [**Emmanuel Borda v Prof Roger Ellul Micallef** – 30.01.2003.] Iżda ngħad li kienet tkun kwistjoni differenti kieku l-eżerċizzju japplika biss għall-impjegati. [**Dr Louis Buhagiar v Prim Ministru et** – 24.02.2012.]
>
> 23. Jidher għalhekk li atti bejn awtorità pubblika u terzi ġeneralment jikkwalifikaw bħala atti amministrattivi li bħala tali huma sindakabbli mill-Qorti. Min-naħa l-oħra, atti dwar l-immaniġġjar ta' awtorità pubblika huma kkunsidrati bħala li ma jaqgħux taħt is-sindakar tal-Qorti. Dan iżda ma jibqax il-każ jekk jiġi ppruvat li kien hemm abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika b'detriment sostanzjali għall-impjegati jew dipendenti oħra. Il-piż tal-prova f'dan ir-rigward qiegħed fuq min jallegaha, u mhux fuq l-awtorità pubblika. Dan l-eżerċizzju jista' jidher li hu wieħed ċirkuwitu; għaliex anke fil-każ ta' atti amministrattivi sindakabbli mill-Qorti, is-sindakar isir biss meta jkun hemm abbuż."

22. L-atti magħmula bil-għan ta' organizzazzjoni jew tmexxija interna fi ħdan xi awtorità pubblika jirreferu u jillimitaw irwieħhom għal dawk il-miżuri meħuda biex l-istess awtorità żżomm ċerta ordni fit-tmexxija tagħha ta' kuljum. Jirreferu wkoll għal każijiet li jirrigwardaw trasferimenti ta' uffiċjali pubbliċi minn dipartiment tal-Gvern għal ieħor, jew l-għażla tal-post fejn uffiċjal pubbliku jintbagħat jaħdem (ara **Avukat Dr Sylvann Aquilina Zahra v. Marcel Pizzuto noe** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Ottubru, 2017 kif ukoll **Dr Louis Buhagiar v. Prim Ministru et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Mejju 2016). Iżda għandu

jingħad ukoll li fejn tali miżura tilħaq ċerta livell fejn tolqot drittijiet ta' persuni, imbagħad dik il-miżura tidħol fit-territorju ta' għemil amministrattiv li dwaru l-Qrati jistgħu jinqdew bis-setgħa tagħhom li jistħarrġu (ara **Carmen Grech v. Il-Prim Ministru et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-6 ta' Lulju, 2017).

23. Applikata l-liġi u l-ġurisprudenza fuq ċitata għal dan l-aggravju, din il-Qorti tqis li l-appellant m'għandux raġun. Kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti, din il-kawża trid tinżamm distinta mill-kawża l-oħra numru 764/21AD li wkoll appell mis-sentenza hemm mogħtija qed jiġi deċiż kontestwalment illum. Il-mertu tal-kawża odjerna jitratta sitwazzjoni partikolari, x'ħidma seta' l-attur jingħata jagħmel sakemm il-proċeduri ġudizzjarji istitwiti minnu b'kontestazzjoni tat-terminazzjoni tad-*detailing* tiegħu jiġu deċiżi.

24. Kuntrarjament għall-impressjoni li donnu għandu l-attur, l-ebda mandat ta' inibizzjoni ma seta jirrevoka dik it-terminazzjoni. Il-mandati ta' inibizzjoni ipprojbew lill-Ministeru tal-Edukazzjoni milli jibgħat lill-attur jgħallem f'xi skola sekondarja però ma żammewhx milli jibgħat lill-attur jagħmel xogħol amministrattiv relatat mal-ispeċjalizzazzjoni tiegħu. U hekk seħħ.

25. Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, tqis li dak li minnu qed jilmenta l-attur f'din il-kawża jikkostitwixxi att bil-għan ta' organizzazzjoni interna u għalhekk ma jikkostitwixxiex għemil amministrattiv fit-termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Deċiżjoni**.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qed tiċħad l-appell tal-attur filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata.

Bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da